

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Novembru 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-19/12) <sup>(1)</sup>*(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat b'faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors — Firma bil-miktub tal-avukat differenti minn dik fuq ir-rikors oriġinali mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta — Ineżistenza)*

(2013/C 377/52)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayer u J. Baquero Cruz, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tan-nota tal-Kummissjoni li tinkludi deċiżjoni jew diversi deċiżjonijiet dwar is-sitwazzjoni amministrattiva tar-rikorrent u talba għall-kumpens għad-dannu.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u jiġi kkundannat għall-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 138, 12.05.2012, p. 34**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Novembru 2013 — CA vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-60/12) <sup>(1)</sup>*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Espożizzjoni tal-motivi invokati — Rikors manifestament inammissibbli)*

(2013/C 377/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: CA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: E. Guerrieri Ciaceri, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li ma tatt-ribwixxi 6 punti ta' promozzjoni lir-rikorrenti għall-proċedura ta' promozzjoni 2011 u t-talba għal attribuzzjoni tal-punti neċessarji għall-promozzjoni tagħha għall-grad AST 2 b'effett retroattiv

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) CA għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 243, 11.08.2012, p. 34.**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Novembru 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-94/12)

*(Servizz Pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat bil-faks fit-terminu għall-preżentata tar-rikors — Firma miktuba bil-idejn tal-avukat li hija differenti minn dik li tidher fuq l-oriġinal tar-rikors mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta)*

(2013/C 377/54)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba li tiġi annullata d-deċiżjoni ta' każda tat-talba tar-rikorrent li jingħatalu kumpens ta' EUR 20 000 minħabba allegat dannu li huwa sofra wara l-ksur tal-kunfidenzjalità medika.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Ottubru 2013 — Palleschi vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-123/12) <sup>(1)</sup>*(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal awżiljarju — Artikolu 3c tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg — Talba għall-klassifikazzjoni mill-ġdid f'kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat — Rikors manifestament infondat fid-dritt)*

(2013/C 377/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Maria-Pia Palleschi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)